# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru 2017**

**Rikors Numru 125/15 FDP**

**Roger Borg (ID 661641M) u martu Yvonne Borg (1066644M)**

**vs**

**Claire Bonnici, gia Borg (ID 398676M) u zewgha Matthew Borg (ID 146777M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl 20 ta’ April 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuh is-somma ta’ ghaxart elef, erbgha mija u hamsa u tmenin Euro (€10,482) rappresentanti imghax dovut ghal periodu bejn 2012 u 2015 skond skrittura ffirmata mill-partijiet fis-sena 2005, liema ammont huwa cert likwidu w dovut u li huma naqsu milli ihallsu minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.

Rat il-ftehim iffirmat bejn ir-rikorrent flimkien ma’ martu Yvonne Borg, u l-intimati Matthew Borg u Claire Bonnici, gia Borg, datat 10 ta’ Frar 2005, fejn qed jissellfu ammont ta’ Lm30,000 suggett ghal rata ta’ imghax ta’ hamsa (5) fil-mija, ippresentat mir-rikorrent a fol 2 tal-process.

Rat illi fl-1 ta’ Gunju 2015, l-intimata Claire Bonnici gia Borg gharrfet il-Qorti illi meritu simili bejn l-istess partijiet gia gie deciz mill-Qorti, diversament ppresjeduta, u ghalhekk talbet differiment sabiex tirregola ruhha.

Rat illi fit-13 ta’ Lulju 2015, l-intimat Matthew Borg ammetta t-talbiet quddiem il-Qorti filwaqt illi Claire Bonnici kkontestat it-talba u inghatat zmien biex tippresenta l-eccezzjonijiet taghha.

Rat l-eccezzjonijiet ta’ Claire Bonnici ippresentati fit 13 ta’ Lulju 2015 fejn eccepiet is-segwenti:

Illi preliminarjament jigi eccepit illi kunjom 1-esponenti ma ghadux Borg izda irreverta ghal Bonnici wara Sentenza ta' annullament bejnha u il-konvenut moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjon Familja) fl-ismijiet Matthew Borg vs Claire Borg nee' Bonnici datata 8 t'Ottubru 2010 wara liema 1-

esponenti rrivertiet ghal kunjom xbubitha Bonnici kif jirrizulta mic-certifikat Anness bhala Dok CB1, u li b'hekk 1-Avviz ta' Talba kif imressaq fil-konfront tal-kunjom precedenti tal-esponenti ma jregix.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost 1-eccipjenti tibqa' tinsisti li l-kunsens taghha ghall-iffirmar tal-iskrittura pprezentata mill-atturi datata Frar 2005 mmarkata bhala Dok A ma' 1-Awiz tat-Talba pprezentat minnhom, ma kienx jiswa (u dan in vista tal-applikabilita', fost ohrajn, tal-artiklu 974 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk tali skrittura ma ghandhiex titqies li hija enforzabbli fil-konfront taghha;

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jirrizulta li s-somma ta' Lm30,000 (ekwivalenti ghal cirka €69,881) li fuqha qed jintalab l-imgfiax mill-atturi ma kinitx giet verament mghoddija b'self ghab-bazi tal-istess skrittura prezentata minnhom ma' 1-Awiz tat-Talba odjerna. Dan
qed jinghad ghaliex kif ghandu jirrizulta matul il-mori ta' din il-kawza, l-atturi kienu fil-verita ghaddew is-somma hawn fuq imsemmija favur il-konvenut binhom Matthew Borg wahdu zmien qabel ma 1-esponenti giet sfurzata li tiffirma 1-istess skrittura;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz 1-esponenti teccepixxi wkoll illi ghandu jkun il-konvenut Matthew Borg biss li jinzamm responsabbli ghal dak mitlub mill-atturi u dant proprju stante li s-somma li fuqha qed jintalab 1-imghax mill-atturi kienet giet mghoddija unikament favur il-konvenut Matthew Borg,  tant li 1-esponenti qatt ma rat jew ibbenefikat minn tali somma, u fi kwalumkwe kaz, minkejja li l-esponenti ilha ghaddje snin fi proceduri ta’ separazzjoni perwonali minn mal-konvenut Matthew Borg, dan ghadu sa issa ma wera bl-ebda mod x’sar minnha s-somma li fuqha qed jintalab l-imghax imsemmi f’din il-kawza.

5. Illi mizjud ma' dak hawn fuq eccepit izda dejjem minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlitt eccezzjonijiet, ghandu fi kwalunkwe kaz jirrizulta li ghandu jkun biss il-konvenut Matthew Borg li jinzamm personalment responsabbli ghal dak mitlub mill-atturi, b'mod illi ma jigix ippregudikat is-sehem ta' 1-esponenti mill-komunjoni ta' 1-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut Matthew Borg u dan kollu in vista ta' 1-applikazzjoni fost ohrajn tal-artikoli 1326(4), 1326(5) u 1331 (1) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16, Ligijiet ta' Malta, b'riserva ghal referenza ghal artikoli ohra tal-ligi li matul il-mori ta' din il-kawza jistghu jirrizultaw li huma applikabbli;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak diga' eccepit, u unikament f kaz illi din 1-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tikkonsidra 1-iskrittura li fuqha qed jibbazaw il-pretenzjonijiet taghhom 1-atturi, ghandu jirrizulta li tenut kont tal-kundizzjoni numru 3 msemmija fl-iskrittura pprezentata mill-atturi bhala Dok A, 1-istess skrittura tipprezenta 1-possibilita' cara li twassal ghall-konkluzjoni li 1-ammont allegatament mghoddi b'self skont 1-istess skrittura, jista' facilment jigi kkonsidrat bhala mhux aktar dovut, u ghaldaqstant tenut kont tal-fatt illi s-somma allegatament mislufa inghatat biss lill-konvenut Matthew Borg, 1-esponenti ma ghandhiex tibqa' tigi mitluba li tibqa' twiegeb ghal ebda imghax mitlub mill-atturi meta dan hu referibbli mhux biss ghal somma li tista' titqies li m'hijiex aktar dovuta izda wkoll ghal somma li hija qatt ma rat u gawdiet minnha, kif ukoll somma li 1-konvenut 1-iehor 1-anqas jiggustifika b'ebda mod x sar minnha u li 1-anqas ghandha titqies li hija dejn tal-komunjom ta 1-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-konvenuti in vista ta' dak eccepit qabel din l-eccezzjoni.

Semghet ix-xhieda ta’ **Roger Borg** moghtija fis 26 ta’ Ottubru 2015.

Semghet ix-xhieda ta’ **Yvonne Borg** moghtija fit 30 ta’ Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Matthew Borg** moghtija fl-1 ta' Frar 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati, inkluz is-sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar datati 24 ta' Frar 2012 u 29 ta' Ottubru 2014 fl-istess ismijiet tal-partijiet tal-kawza odjerna, fejn l-intimati gew ikkundannati jhallsu s-sommon ta' €3,494.06 u €2,620.50 rispettivament rappresenanti imghax dovut abbazi tal-ftehim datat 10 ta' Frar 2005, liema ftehim huwa wkoll il-bazi tal-kawza odjerna.

Rat illi fil 11 ta' April 2016 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi, wara talba ta' l-intimata Claire Bonnici ghall-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 782/12 DMA fl-ismijiet Roger Borg vs Claire Borg u Matthew Borg li saret fis 26 ta' Mejju 2016, l-atti gew debitament annessi mal-process tal-kawza odjerna.

Semghet il-kontro ezami ta' Roger Borg illi saret fis 7 ta' Lulju 2016 u fis 7 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Alfred Cassar**, rappresentant tal-HSBC (Malta) plc moghtija fid 19 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Rene' Zampa**, rappresentant tal-HSBC (Malta) plc, moghtija fid 19 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Matthew Borg**, moghtija fid 19 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Miriam Sultana**, rappresentanta tal-Malta Stock Exchange, moghtija fis 16 ta' Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Claire Bonnici**, moghtija in ezami u kontro ezami, fis 16 ta' Marzu 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebiti.

Rat illi fis 16 ta' Marzu 2017 il-partijiet qablu illi ma kienx hemm aktar provi x'jipproducu u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijet finali.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fl-4 ta' Mejju 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimata Claire Bonnici ippresentati fis 6 ta' Lulju 2017

Rat illi fis 6 ta' Lulju 2017 il-kawza geit differita ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimati Claire Bonnici u Matthew Borg kienu mizzewgin filwaqt illi r-rikorrent Roger Borg jigi missier l-intimat Matthew Borg.

Jirrizulta illi, meta l-intimati kienu ghadhom mizzewgin, l-intimat Matthew Borg, f'Dicembru 2004, kien talab lill missieru, r-rikorrent Roger Borg, sabiex isellfu xi flejjes bhalma kien ghamel ma' hutu l-ohrajn, u dana peress illi l-intimati kellhom investiment illi xtaqu jaghmlu barra minn Malta t-tnejn li huma izda ma kellhomx il-finanzi kollha sabiex jaghmlu dan.

Jirrizulta illi r-rikorrent Roger Borg, sabiex jassikura illi l-ahwa kollha ta' l-intimat Matthew Borg jinghataw l-istess trattament, filwaqt illi ghadda l-flejjes minnufih kif rikjest minn Matthew Borg, talab lill-intimati t-tnejn sabie jiffirmaw skrittura fejn jikkonfermaw is-self illi kien sar.

Jirrizulta illi, ghalkemm il-ftehim ma giex iffirmat hekk kif inghataw il-flejjes, sussegwentement, xi zmien wara, hekk kif l-intimati kienu t-tnejn li huma marru jzuru lill-genituri ta' l-intimat Matthew Borg, ossija Roger u Yvonne Borg, huma ffirmaw il-ftehim esebit mir-rikorrent a fol 2 tal-process.

Jirrizulta illi, ghalkemm tali ftehim jghid "February 2005", attwalment il-ftehim gie iffirmat fl-10 ta' Frar 2005.

Jirrizulta illi l-ftehim kien jikkontempla illi l-intimati kellhom ihallsu lir-rikorrent imghax ta' hamsa fil mija (5%) kull sena fuq is-somma mislufa filwaqt illi kienu liberi illi jhallsu s-somma hekk lilhom mislufa meta riedu huma.

Jirrizulta illi, fi Frar tas-snin 2006 u 2007, l-intimati hallsu l-imghax skond kif indikat fil-ftehim.

Jirrizulta, madanakollu, illi fis-sena 2007, l-intimati kellhom problemi fiz-zwieg taghhom u ghalhekk, fi Frar 2008, il-pagament dovut ma thallasx.

Jirrizulta, di fatti, illi sussegwentement ir-rikorrent Roger Borg, flimkien ma' martu Yvonne Borg, bdew proceduri kontra z-zewgt intimati ghall hlas ta' l-imghax tas-sena 2008 u, permezz ta' sentenza datata 24 ta' Frar 2012, l-intimati gew ikkundannati ihallsu €3,494.06 bhala imghax ghas-sena 2008.

Jirrizulta wkoll illi fit 22 ta' Novembru 2012 ir-rikorrenti regghew nedew proceduri ohra kontra l-intimati ghall-imghax tas-snin 2009 sa 2011 u, fid-29 ta' Ottubru 2014, l-intimati gew ikkundannati jhallsu €2,620.50 bhala imghax ghas-snin 2009 sa 2011.

Jirrizulta illi, eventwalment, fl-20 ta' April 2015, ir-rikorrenti intavolaw il-proceduri odjerni kontra l-intimati, din id-darba ghall-hlas ta' l-imghax ghas-snin 2012 sa 2015, ossija tlett snin.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, filwaqt li l-intimat Matthew Borg ammetta l-ammont dovut, kif jidher fil-verbal datat 13 ta' Lulju 2015, l-intimata Claire Bonnici, gia Borg, ikkontestat it-talbiet attrici fejn sahqet illi kienet imgieghla tiffirma l-iskrittura filwaqt illi insistiet illi l-flejjes inghaddew qabel ma gie ffirmat il-ftehim u qatt ma rat jew ibbenefikat minn tali flejjes bir-rizultat illi kien l-intimat Matthew Borg illi kellu jhallas dak mitlub mir-rikorrenti.

Jirrizulta ben ippruvat illi l-intimata Claire Bonnici, gia Borg, iffirmat il-ftehim fi Frar 2005, aktar precizament fl-10 ta' Frar 2005, kif del resto kkonfermat hija stess fix-xhieda taghha a fol 140 tal-process.

Jirrizulta ben ippruvat ukoll illi, fil-mument illi gie ffirmat il-ftehim, l-intimati Claire Bonnici u Matthew Borg kienu ghadhom mizzewgin u ghalhekk kellhom komunjoni tal-akkwisti flimkien.

Jirrizulta, finalment, illi ghalkemm l-intimati ottjenew l-annullament fit-8 ta' Ottubru 2010, il-komunjoni tal-akkwisti ghadha vigenti bejn il-partijiet u ghadha soggetta ghall-proceduri bejn il-partijiet quddiem il-Qorti tal-Familja.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma tosservax illi l-argumentazzjonijiet legali kollha mressqa mill-intimata Claire Bonnici gia gew respinti mit-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar darbtejn fil-proceduri gia fuq imsemmija, u ghalhekk huwa kemmxejn inverosimili illi l-intimata terggha tqajjem l-istess argumentazzjoni u eccezzjonijiet legali ghat-tielet darba.

Il-Qorti tosserva ukoll illi ma ghandhu jkun hemm ebda dubju dwar il-firma tal-intimata Claire Bonnici gia Borg fuq il-ftehim illi abbazi tieghu qieghda ssir il-kawza odjerna filwaqt illi tosserva wkoll illi dina l-Qorti ma hijiex il-forum idoneju sabiex jigi attakat il-validita' o meno tal-ftehim.

Finalment, tenut kont tal-fatti kif stabbiliti w id-dokumentazzjoni kif prodotta, ma jista jkun hemm ebda dubju illi z-zewgt intimati, ossija Matthew Borg u Claire Bonnici, gia Borg, iffirmaw ftehim mar-rikorrenti biex jirrikonoxxu l-fatt illi kien gie lilhom misluf ammont ta' flus fl-import ta' Lm30,000, f'liema ftehim huwa ukoll obbligaw ruhhom ukoll illi jghaddu imghax ta' hamsa fil-mija (5%) kull sena fuq tali flejjes sabiex dawna jintraddu lura.

L-obbligi ghandhom jigu rispettati minn kullhadd, inkluz l-intimata Claire Bonnici gia Borg.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet,

Wara illi rat l-ammissjoni ta' l-intimat Matthew Borg,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata Claire Bonnici,

**Tilqa** t-talba ta' Roger Borg u martu Yvonne Borg, u

**Tikkundanna** lill intimati Claire Bonnici u Matthew Borg, in solidum bejniethom, ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' **ghaxart elef, erbgha mija u tnejn u tmenin ewro (€10,482).**

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mid-data meta l-pagament annwali kien dovut, ossija fil-11 ta' Frar ta' kull sena, sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur